**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 43

Il-Ħamis 26 ta' Ottubru 2017

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fil-5:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Horace Gauci – Sindku
Steven Grech – Viċi Sindku
Stephen Caruana – Kunsillier
Daniel Zerafa – Kunsillier
Janice Chetcuti – Kunsilliera

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, Malta.
☎:21652525, 21650937 @ :marsaxlokk.lc@gov.mt www.lc.gov.mt/www.marsaxlokklc.com

| | |
|---|---|
| 43.1 | Qari ta' ittri ta' apoloġiji |
| 43.1.1 | Ma kienx hemm. |
| 43.2 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' Minuti |
| 43.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta preċedenti, seduta numru 42, kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ittieħdu bħala moqrija. |
| 43.2.2 | Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sa. Janice Chetcuti issekondata mis-Sur Horace Gauci, il-minuti ta' seduta 42 ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| 43.2.3 | Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett. |
| 43.3 | Komunikazzjonijiet mis-Sindku |
| 43.3.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi nhar l-24 ta' Ottubru 2017, flimkien mas-Sa. Emma Vella, kien attenda għal laqgħa mal-Enemalta, flimkien mal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa u Transport Malta, fejn ġie diskuss il-proġett tal-*cable* tal-elettriku minn Delimara sal-Freeport. |
| 43.3.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi nhar is-26 ta' Ottubru 2017 , flimkien ma' Sa. Emma Vella kien attenda laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija, id-Deputat Kummissarju u CEO, fejn ġiet diskussa l-Għassa tal-Pulizija l-ġdida f'Marsaxlokk. |
| 43.3.3 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi nhar il-25 ta' Ottubru 2017 , flimkien ma' Sa. Emma Vella kien attenda għal laqgħa mad-Direttur tal-Gvern Lokali fejn ġie diskuss l-allokazzjoni tal-Kunsill Lokali minħabba l-ispejjeż ta' *landscaping* u l-bozoz tal-parkeġġ il-ġdid li se jinbena bħala parti mill-Pjan ta' Riġenerazzjoni ta' Marsaxlokk. |
| 43.4 | Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri |
| 43.4.1 | Is-Sur Stephen Caruana staqsa: "It-taraġ tal-mini tax-Xatt fhiex wasal? Kellu jibda f'Settembru u għadu ma beda xejn." Wara diskussjoni libera ġie deċiż li kellu jsir kuntatt mal-Awtorità tad-Djar. |
| 43.4.2 | Is-Sur Stephen Caruana staqsa: "Il-*pontoon* ħaduh u għadu ma ġiex, u hemm ħafna ramel li għandu bżonn jitħammel." Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandu jsir komunikat ma' Transport Malta. |
| 43.4.3 | Is-Sur Stephen Caruana staqsa: "Il-bozoz tal-Magħluq in-naħa ta' ġewwa, problema mal-Enemalta?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha tiġi ikkuntatjata l-Enemalta rigward il-materja. |
| 43.4.4 | Is-Sur Stephen Caruana staqsa: "Biex titneħħa l-kaxxa tad-dawl li ma tintużax li tinsab quddiem ir-Rising Sun, fuq il-pont." Wara diskussjoni libera ġie deċiz li il-Kunsill Lokali ghandu jgib "Quotation", m'ghand in-Nexos biex titnehh l-kaxxa tad-dawl. |
| 43.4.5 | Is-Sur Stephen Caruana staqsa: "Bozza ġdida Triq Abdosir (fit-triq il-ġdida)." Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha ssir applikazzjoni mal-Enemalta. |

| | |
|---|---|
| 43.4.6 | Is-Sur Stephen Caruana staqsa: "T'Anna Mari ħarġu affarijiet bħal bar abbandunati u qed jinġema' ħafna ħmieġ." Dwar dan kien diġà deċiż li għandu jsir kuntatt l-Ispettur tal-Pulizija. |
| 43.4.7 | Is-Sur Stephen Caruana staqsa: "It-taraġ ta' fejn il-Housing Estates?" Wara diskussjoni libera, il-Kunsill iddeċieda li għandu jsir komunikat mal-Awtorità tad-Djar. |
| *F'dan l-istadju (6:05p.m.) il-laqgħa ġiet temporanjament sospenduta sabiex is-Sur Peter Busuttil ikellem lill-Kunsill rigward l-avveniment tal-Istrina.* | |
| *Il-ħin huwa 6:20p.m. u l-laqgħa tal-Kunsill tkompliet.* | |
| 43.5 | Rapporti |
| 43.5.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz tar-Rapport Finanzjarju ta' kull kwart għall-perjodu Lulju – Settembru 2017, u stieden lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex jispjega fid-dettall l-istess rapport. |
| 43.5.2 | Wara li s-Sa. Emma Vella spjegat l-imsemmi rapport u wieġbet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera, fuq kunsiderazzjoni tas-Sa. Janice Chetcuti issekondata mis-Sur Daniel Zerafa, b'votazzjoni unanima l-Kunsill Lokali approva d-dokument hekk kif propost. |
| 43.5.3 | - Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill Lokali li Restaurant dell'Arte u Code 9 talbu għal *remote* tal-*barrier* tal-Pjazza. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil mill-kunsilliera li għandha tintalab stima sabiex tinbidel il-frekwenza tar-*remotes*, u wara jiġi deċiż lil min tingħata u, dan bi ħlas.<br><br>- Permezz ta' Ċirkolari numru 30/2017 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, il-Kunsill ġie infurmat dwar twettiq ta' proġetti utli għall-komunità bla spejjeż għall-Kunsill Lokali.<br><br>- Il-Kunsill Lokali ġie infurmat bit-terminu tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv li skada fl-24 ta' Ottubru. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li s-Sur Duncan Hall għandu jerġa' jinħatar bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv.<br><br>- Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill Lokali bil-bilanċ kurrenti tal-UIF li jammonta għal €108,626.25.<br><br>- Il-Kunsill Lokali ġie nfurmat b'korrispondenza tal-proġett kapitali tal-Education Centre, fejn il-Kunsill fadallu jdaħħal 25% tal-finanzi, fuq bażi li jinħatar awditur biex jivverifika il-proġett. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li jinħatar l-awditur u tingħata stima tal-ispiża konċernata.<br><br>- Il-Kunsill Lokali ġie infurmat rigward il-kont tad-dawl pendenti tal-funtana f'Xatt is-Sajjieda. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill Lokali li dan ġie irrappurtat lill- ARMS u l-kont qed jerġa' jigi investigat għax huwa biss 'stima' u mhux 'attwali'.<br><br>- Il-Kusilliera ġew infurmata b'korrispondenza mill-Moviment Kerygma fejn il-Kunsill Lokali jista' jinnomina żagħżugħ/a għall-premju Żagħżugħ tas-Sena 2017. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandu jiġi nominat is-Sur Robert Zerafa. |

- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'laqgħa li saret mis-Segretarju Ezekuttiv rigward il-Berġa. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha ssir laqgħa oħra biex il-Kunsill Lokali jikkomunika dirett man-nies konċernati, u jintlaħaq ftehim.

- Il-Kunsill Lokali ġie infurmat b'notifika mingħand is-Sur Christian Caruana li applika għall-ħruġ ta' permess mal-Awtorità tal-Ippjanar.

- Il-Kunsill Lokali ġie infurmat mill-Dipartiment tal-Artijiet li l-oġġezzjoni li saret dwar ħajt li ġie mtellgħa fi Triq Lepanto ġiet rifjutata għax ma għandhiex bażi valida. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li r-residenti għandhom jiġu infurmati.

- Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill Lokali li r-residenti ta' Triq il-Firilla kienu għamlu petizzjoni rigward l-imsemmija triq għax saret *One Way*, u għadhom mingħajr informazzjoni. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha terġa' tinżamm laqgħa ma' Transport Malta rigward il-materja.

- Il-Kunsilliera ġew infurmati bl-'Eden Award' sabiex il-Kunsill jiddeċiedi jipparteċipax. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li s-Sur Daniel Zerafa għandu jagħmel *follow up* tagħha sabiex jimla' l-applikazzjoni għall-imsemmi *award*.

- Il-Kunsill Lokali ġie infurmat bl-istima tad-dekorazzjonijiet tat-toroq għall-Milied. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha tiġi mibgħuta ittra lir-ristoranti biex jekk iridu jgħinu finanzjarjament.

- Il-Kunsill Lokali ġie infurmat b'korrispondenza rigward l-Istrina. Wara diskussjoni libera ġie deċiz li l-Kunsill għandu jipparteċipa.

- Il-Kunsill Lokali ġie infurmat rigward korrispondenza mingħand Let's Do It Malta, sabiex il-Kunsill jerga' jipparteċipa fl-avveniment tas-sena 2018.

- Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill b'korrispondenza mingħand koppja li wriet ix-xewqa li tiżżewwe' f'St Peter's Pool. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha ssir laqgħa mal-koppja u jintlaħaq ftehim.

- Il-Kunsill Lokali ġie infurmat b'korrispondenza mingħand is-Sur Andre Cachia rigward il-karrijiet tad-dgħajjes wara l-grawnd tal-futbol, li dawn għandhom jitneħħew qabel ma jsir il-parkeġġ il-ġdid bħala parti mill-Pjan ta' Riġenerazzjoni ta' Marsaxlokk.

- Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill Lokali rigward rikjesta mingħand is-Sur Charles Ghirxi li staqsa biex tiġi mibgħuta *No Objection Letter* lill-Enemalta sabiex isiru żewġ *flood lights* fit-Triq tal-Power Station minħabba d-dgħajjes.

- Il-Kusill Lokali ġie infurmat b'korrispondenza mingħand residenta li toqgħod fi Triq l-Arżnell li rrappurtat li l-i*sleeping police* ta' ħdejn l-iskola qed toħloq inkonvenjenza ta' storbju meta tgħaddi tal-linja.

- Il-Kunsill Lokali ġie infurmat b'korrispondenza mill-Enemalta fejn irrapurtaw *demarcation box* maħruqa fi Triq Abdosir. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha tinġabar stima mingħand il-kuntrattur sabiex titranġa.

| | |
|---|---|
| | - Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill Lokali b'korrispondenza tas-Sur Andrei Cachia rigward l-ittri li intbagħtu u r-risposti miġbura dwar l-amperaġġ tar-ristoranti f'Marsaxlokk.<br><br>- Il-Kunsill Lokali iddiskuta l-applikazzjonijiet għal żvilupp bin-numri PA/08444/17, PA/08309/17, RG/02279/17, PA/08268/17, PA/01603/16, PA/01659/17, PA/03061/17, PA/06675/17, PA/08017/17, PA/08183/17, PA/06632/17, RG/01017/17, RG/02633/17, PA/07819/17, PA/06124/17, PA/07609/17, PA/07685/17, PA/07758/17, RG/00438/16. Ġie deċiż li ma kelha tinstab l-ebda oġġezzjoni għall-applikazzjonijiet imsemmija. |
| 43.6 | Mozzjonijiet |
| 43.6.1 | Ma kienx hemm. |
| 43.7 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti |
| 43.7.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 10/17 ) għall-approvazzjoni. |
| 43.7.2 | Fuq mozzjoni tas-Sur Daniel Zerafa, issekondat mis-Sur Steven Grech, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| 43.7.3 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista ta' *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' Ottubru 2017 għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 43.7.4 | Fuq mozzjoni tas-Sur Steven Grech, issekondat mis-Sur Stephen Caruana, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| 43.8 | Sejħiet għall-Offerti |
| 43.8.1 | Il-Kunsill Lokali ġie infurmat li kien ġie konkluż it-*tender* tas-*Soft Areas*. |
| 43.8.2 | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*Evaluation Report* sabiex jiġi approvat u ffirmat mill-kunsilliera. |
| 43.8.3 | Wara diskussjoni libera, il-Kunsill Lokali approva u ffirma l-*Evaluation Report*. |
| 43.9 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7:30p.m. wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 16 ta' Novembru 2017 fil-5:00p.m. |

Konfermati, illum 16 ta' Novembru 2017.

IFFIRMATA

__________________

Horace Gauci
Sindku

IFFIRMATA

__________________

Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv